**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Antoine Lawrence Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru: 234/18**

**Illum, 10 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Antoine Lawrence Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 105092M;

Akkuzat talli nhar it-02 ta' Frar 2018, ghall-habta tal-17.30 ta' filghaxija, gewwa Hal Qormi;

1. B'qerq ghamel, biddel jew iffalsifika xi flus, jew qieghed fic-cirkolazzjoni xi flus falsifikati li kont taf li huma falsifikati;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti;

Biss il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija mitluba sabiex qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, skond ma jkun jenhtieg mill-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fil-Artikolu 188F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra

ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni libera u nkondizzjonata mill-imputat tal-akkuza kif dedotta kontrih fi stadju bikri tal-proceduri u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-hdax (11) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) fejn id-difiza talbet li jithejja *Pre Sentencing Report* minn ufficjal tal-Probation;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja izda mhux recidiv kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Rat ir-rapport tal-*probation officer* Matthew Fleri Soler illi hejja r-rapport wara l-ammissjoni tal-imputat;

Illi f'dan ir-rapport gie konkluz illi:

"**Konkluzjonijiet**

- **Fatturi identifikati**

- Antoine Lawrence Mallia huwa akkuzat talli qieghed fic-cirkolazzjoni u kellu fil-pussess tieghu flus iffalsifikati. Huwa akkuzat ukoll li rrenda ruhu recidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- L-imputat huwa l-ikbar wild tal-familja. Jirrizulta li huwa nghata trobbija tajba u mar l-iskola sakemm kellu sittax-il sena. Mallia ghadu jghix mal-genituri tieghu fir-residenza taghhom, izda seta' jigi nnutat li iktar milli sapport minghandhom, huwa jinsab dipendenti fuqhom. Huma jtuh il-flus, jippreparawlu l-ikel, kif ukoll johdulu hsieb l-appuntamenti tieghu tal-Qorti. Fi kliemhom stess huma ghajjew jghixu f'din is-sitwazzjoni u jidhrilhom li binhom ghandu bzonn isegwi programm

residenzjali sabiex jibni xi ftit ta stabbilita' u struttura f'hajtu, li bhalissa hija totalment nieqsa.

- Antoine Mallia ghandu tifla ta' sittax-il sena minn relazzjoni mal-ex siehba tieghu. Madanakollu minn 6 xhur ilu 'l hawn din ma baqghetx izzomm kuntatt mieghu, u dan skontu ghaliex saret taf li rega' beda jaghmel uzu mid-droga regolarment.
- Mallia jsostni li huwa beda jaghmel uzu mid-droga ta' 18-il sena u wara sena biss spicca juza *hard drugs* regolarment. Apparti perijodu ta' bejn 6 u 7 snin fejn Mallia jghid li kien *clean*, huwa kien jabbuza mid-droga. Is-sitwazzjoni fil-mument hija wahda li tirrikjedi attenzjoni immedjata. Dan ghaliex Mallia qed jabbuza mill-kokaina u l-eroina b'mod regolari hafna, imma izjed minn hekk, huwa qed jirrifjuta li jbiddel l-istil ta' hajtu u jwaqqaf l-abbuz. L-ahhar kuntatt ma' agenzija li toffri l-ghajnuna ghal min

jabbuza mid-droga jmur lura ghall-2015 u minn kuntatt li sar mad-Detox jirrizulta li l-imputat mhuwiex jikkopera. Tul il-perijodu li fih kien qed jithejja dan ir-rapport, Mallia kellu zewg appuntamenti l-Caritas li ghalihom m'attendiex. L-osservazzjoni personali tal-Ufficjal tal-Probation f'dan ir-rigward hija li minkejja li Mallia jsostni li jrid jaghmel il-programm, l-azzjonijiet tieghu jixhdu mod iehor u l-impressjoni li jaghti hija li l-uniku skop tieghu huwa minn fejn u kif se jakkwista d-droga minn gurnata ghall-ohra.

- Dwar l-aspett tax-xoghol, mir-rekords tal-Jobsplus jirrizulta li Mallia ilu ma jahdem sa mill-2016. Huwa jiddependi finanzjarjament mill-genituri u l-maggor parti tal-flus li jaqla' jonfoqhom fuq id-droga.
- Jidher li Antoine Mallia m'ghandux hajja socjali partikolarment imzewqa, tant li huwa jghid li

jqatta' hafna hin jara t-televixin. L-unici interessi li ghandu huma l-muturi u l-karozzi.

- Mill-fedina penali aggornata ta' Antoine Lawrence Mallia jirrizulta li huwa kellu diversi kazijiet il-Qorti bejn l-1994 u l-1998 li kienu jittrattaw sewqan perikoluz. Fl-2012 huwa nghata piena ta' tliet snin u sitt xhur prigunerija fuq diversi kazijiet ta' serq. L-ahhar kaz li kellu kien fl-2015 meta huwa nghata *conditional discharge* fuq kaz ta' serq.
- Tul il-kumpilazzjoni tar-rapport, l-imputat ma kkooperax bi shih mal-ufficjal tal-Probation, hekk kif huwa attenda biss 4 mill-11-il appuntament skedat.

- **Pjan ta' kura**

Mill-informazzjoni migbura jirrizulta li Antoine Lawrence Mallia jaghmel uzu regolarment mid-droga eroina u kokaina, kif ukoll li huwa ghandu nuqqas ta'

stabbilta’ u struttura f’hajtu. Bhala konsegwenza ta’ dan, huwa mhuwiex f’qaghda li jghix hajja indipendenti u jirritorna lura fid-dinja tax-xoghol. Tinhass il-htiega li mill-aktar fis Mallia jibda jsegwi programm residenzjali sabiex jibda jahdem bis-serjeta’ fuq dan il-vizzju, madanakollu huwa m’ghandu l-ebda motivazzjoni sabiex jaghmel dan. In-nuqqas ta’ koperazzjoni li wera mal-Ufficjal tal-Probation u t-tabib tad-Detox tieghu tul iz-zmien li fih kien qed ikun ikkumpilat dan ir-rapport, huwa xhieda ta’ dan. Sakemm l-imputat jibqa’ jippersisti u jghix f’din l-istil ta’ hajja, huwa jibqa’ ta’ theddida ghas-socjeta’.

- **Rakkomandazzjoni**

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni migbura, qieghed jigi umilment issuggerit li din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra tinfliggi piena karcerarja effettiva fil-konfront tal-imputat.”

Din il-Qorti, filwaqt li qed tinnota li l-imputat huwa recidiv, u li l-Ufficjal tal-Probation irrakkomanda piena karcerarja, f'certu kazijiet din il-Qorti ghandha tiddipartixxi xi ftit minn dawn il-konkluzjonijiet u dan sabiex taghti incentiv lill-imputat li kkopera mal-prosekuzzjoni u li ammetta l-akkuza tieghu fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikolu 188B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat Antoine Lawrence Mallia hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin. Inoltre u a bazi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 qed timponi Ordni ta' Trattament ghal sentejn (2) liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imuptat Antoine Lawrence Mallia, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

Finalment il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tal-esebit iffalsifikat u dan taht id-direzzjoni tal-Bank Centrali ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**